MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2011

Numru 398/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR KEITH ARNAUD**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**
**KONTRA**

**JEFFREY BUSUTTIL**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Jeffrey Busuttil ta’ 35 sena, bin Francis u Mary Grace nee’ Barbara, mwieled Pieta’ nhar il- 25 ta’ Frar 1976, residenti 43 Flat 1, Triq il- Parrocca, Mqabba u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 168076M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Nhar it- 13 ta’ Marzu 2011, ghal habta tas-02.15am, minn gewwa 10/11, Bartoli Brothers Ltd, li jinsab fi Triq Manuel Borg Gauci, Handaq, Qormi, ikkommetta serq ta’ oggetti ta’ flus, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil- valur, li jeccedi €2,329.37 u bil- hin u dan ghad-detriment tad- diretturi tal- istess kumpanija u/ jew persuna jew persuni ohra;

2) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommetta serq ta’ vettura Nissan bin- numru tar-registrazzjoni EBN 065, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil- valur, liema valur tal- haga misruqa jeccedi l-€2,329.37 u bil- hin u dan ghad- detriment tad- diretturi tal- kumpanija Bartoli Brothers Ltd ta’ Hal- Qormi;

3) U aktar talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsarat jammontaw ghal aktar minn €1,164.69 u dan ghad- detriment tal- kumpanija Bartoli Brothers Ltd ta’ Hal-Qormi;

4) Aktar talli kiser il- kundizzjonijiet tal- liberta’ provizorja imposta mill- Qorti preseduta mill- Magistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D fit- 30 ta’ Novembru 2010, f’ dan li ma’ jikkommettiex delitt iehor ta’ natura volontarja waqt li jkun mehlus mill- arrest u dan taht garanzija personali ta’ €10,000, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal- Artikolu 579 (2) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Fil-lejl ta' bejn is-Sibt u l-Hadd 13 ta' Marzu 2011, sehhet serqa fl-istabbiliment Bartoli Brothers gewwa tal-Handaq, fejn insteraq "safe" kontenenti ammont ta' flus kontanti u cekkijiet tal-istess kumpanija. L-imputat, li kien akkumpanjat minn terz mhux identifikat, inqabad *in flagrante*, u minkejja li pprova jahrab, gie arrestat u tressaq fuq dan ir-reat. Fl-istadju tal-interrogatorju tieghu, hug hazel li ma jwegibx ghall-mistoqsijiet maghmula mil-Pulizija, kif jidher sew mill-istqarrijiet tieghu esebiti fl-atti. Madankollu, mal-presentata b'arrest, l-imputat ghazel li jirregistra ammissjoni, u ghalhekk il-Qorti qed issibu hati u tista' tghaddi minnufih biex tikkonsidra l-piena u taghti s-sentenza idoneja ghall-kaz.

Jidher li l-imputat huwa recidiv, u bil-kommissjoni ta' dan ir-reat kiser il-kundizzjonijiet moghtija lilu minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ghoti tal-helsien mill-arrest preventiv b'digriet tat-30 ta' Novembru, 2010. Ghar-rigward tal-piena, ghalhekk, il-Qorti sejra tinkorpora l-piena ghar-reat ta' serq kif aggravat, flimkien mal-piena ghall-ksur tal-helsien mill-arrest, mizjuda bi grad minhabba fir-recidiva. Kwantu ghall-hsara volontarja, peress illi dan ir-reat hu mezz ghall-fini, ghandu jkun hemm assorbiment fil-piena ghal dan ir-reat f'dak tas-serq. Ghalhekk, tenut kont tac-cirkostanzi kif qed tarahom

din il-Qorti, l-imputat ghandu jigi kkundannat terminu ta' erba' snin prigunerija bhala piena komplessiva. Id-digriet tal-helsien mill-arrest datat 30 ta' Novembru 2011 ser jigi revokat, u l-imputat ser jigi arrestat mill-gdid f'dawk il-proceduri.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261 (b) (c) (f), 263, 267, 270, 289, 579 (2) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah erba' (4) snin prigunerija.
Tirrevoka d-digriet tal- helsien mill- arrest moghti lilu fit-30 ta' Novembru, 2010, u tordna ghalhekk l- arrest tieghu mill- gdid.
Tordna inoltre l- konfiska tas-somma ta' ghaxart elef ewro (€10,000) moghtija minnu bhala garanzija personali fl-istess ghoti tal-helsien mill-arrest preventiv, liema ammont ghandu jghaddi favur il-Gvern, u fin-nuqqas ghandu jigi kkonvertit fi prigunerija bir-rata vigenti.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------